**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 39**

**9 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara Itaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Maurizio Gauci – Vici sindku
Luke Vella – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmor Borg - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Antoine Attard – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier

Yana Borg Debono Grech - Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

39.1.1 Is- Sindku Desirei Grech staqsiet lis-segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri t'apoloġija fejn hi irrispondiet li rċeviet 4; Dik tas-Sur Alfred Attard, tas-Sur Antoine Attard, tas-Sa Yana Borg Debono Grech, tas-sur Stefano Scari , iżda dan kien preżenti u s-sur Gilmour Borg avża li kien ser jasal tard.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**39.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il-minuti preċedenti nu38. Ma kien hemm l-ebda kumment dwar il minuti .

**39.2.2** Is-Sa Marie Claire Ipproponiet u s-Sa Jade England issekondat il-minuti tal laqgħa numru 38 bħala moqrija u korretti.

**39.3 Arisings mill-Minuti**

**39.3.1** Is-Sa Marie Claire staqsiet dwar it-tender tas-*soft areas*, fejn is-Sindku spjegat li dan issa huwa magħluq u qed nistennew li l-kuntrattur jippreżenta l-*bank guarantee* u jibgħatilna l-pjan ta' kif ser jibda x-xogħol sabiex dan ikun jista' jibda.

**39.4 Bini ta Supermarkit u Proposta dar tal-Anzjani**

**39.4.1** Is-Sindku stiednet lil Dr Anthony Sammut flimkien mal-perit Mark Camilleri, fejn dawn spjegaw li kienu qed jirrappreżentaw lis-Sur Klement Gauci, l-applikant u s-sid tal-art fejn ser jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Dun Karm, kantuniera ma' triq bla isem li twassal għal Triq Jannara.

Huma spjegaw li l-proġett ilu approvat mill-2020 u issa ser jibda x-xogħol. L-istess proġett approvat qed jiġi rivedut sabiex issir talba biex il-parti residenzjali tinbidel f'dar tal-anzjani.
Huwa żied jgħid li parti mill-art li tmiss ma' Triq Ħal Għargħur ser titħalla bħala ġnien. Preżentement hemm ippjanati 198 sodda, iżda qed isiru tibdiliet minħabba li, skont l-istandards, f'kull pjan irid ikun hemm spazju miftuħ.

**39.4.2** Is-Sindku staqsiet jekk ir-residenti humiex ser igawdu min din id-dar fejn is-Sur Sammut qal li huma mhux ser ikunu qed joperaw id-dar u il-gvern jissussidja is-sodod u l-anzjani li jkunu fuq waiting list jidħlu.

**39.4.3** Is-sur Sammut spjega li skont il permess irid ifforma s-Service Road ma triq Dun Karm, il perit Mark Camilleri kompla billi qal li huma obbligati li jiftħu u jiffurmawa din it-triq iżda ma jagħmlux asfalt. Dan isir min Infrastructuremalta.

**39.4.4** Is-sur Kaylocke staqsa jekk it-triq kienetx ser tkun imħollija bil-konkrit fejn is-sindku u sa Marie Claire qalu li din hi problema għaliex ħafna drabi dawn it-toroq jibqgħu hekk. U dawn it-toroq jispiċċaw fir-responsabbiltà tal kunsill .

**39.4.5** Is-sur Sammut kompla jispjega li sabiex jgħin fil flow ta traffiku lest li għas-spejjez tagħhom jitneħħa iċ-ċint rimanenti u tinfetaħ triq Jannara. Hu talab li tinbidel sinjaletika tat toroq sabiex il vetturi jidħlu min naħa u joħorġu mit-triq ħdejn Epic.

**39.4.6** Is-sindku flimkien mal kunsilliera wrew tħassib li t-triq tal-ħruġ preżentement diġà qeda magħmula ħażin u mhux ċerti jekk tiflaħx għat traffiku li żgur ser jiżdied.

**39.4.7** Is-Sindku għaddiet lista ta' mistoqsijiet mill-perit sabiex jiġu indirizzati. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill huwa favur il-proġett tad-dar tal-anzjani, iżda jixtieq ikun infurmat jekk il-lokalità hux ser tibbenefika minn xi faċilitajiet, bħal pereżempju l-użu ta' swali jew spazji oħra.
Is-Sur Karl u s-Sur Kaylocke sostnew din it-talba. Ir-rappreżentanti spjegaw li dan ma jiddependix minnhom, peress li d-dar tal-anzjani ser tkun operata minn entità privata. Madankollu, ġie propost li possibilment ir-residenti taż-żona jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-parkeġġ, iżda dan għad irid jiġi diskuss aktar.

**39.4.8** Wara li l-iżviluppatur temm il-preżentazzjoni, kompliet id-diskussjoni fejn ġie maqbul li jkun aktar xieraq li ssir laqgħa b'urġenza flimkien mal-perit sabiex jiġi determinat l-aħjar pjan għall-benefiċċju tar-residenti u għas-sigurtà fit-toroq imsemmija

**39.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**39.5.1** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li kellha laqgħa ma IM fejn għaddiet summarju qasir dwar it-toroq diskussi u x'kien l-eżitu min naħa ta IM.

- Triq Mannarinu bdew diskussjonijiet biex issir imma ma hemmx data minħabba li hi triq arterjali u għaddejin bosta servizzi.
- Triq Fleur De Lys parti minnha ghadha ma saritx. U ser imorru jiċċekkjaw. Tkellimna ukoll biex jindirizzaw għalfejn qed tereq
- Triq il-Wied din kella issir imma twaqqfu xogħolijiet minhabba l-iskola
- Triq PP Castagna Misraħ San Alwiġi u Triq santa Tereza huma mmarkati min naħa tagħhom iżda ma jafux meta ħa jibda xogħol.
- Triq Ħal Qormi ma kienetx fit-talba oriġinali iżda il kunsill żieda għax tinsab f'qada ħażina.
- Triq Santu Rokku u Triq San Giljan kundizzjoni ħażina Qalulna biex ngħamlu pressjoni fuq l-istom water division sabiex dawn it toroq isir pjan u l-culvert isir ukoll.
- Heritage route qalulna sabiex napplikaw għal skema **Vjal kulhadd** għaliex huma ma jidħlux fijha. Dawn it toroq jinsabu f'qadha ħażina ħafna.

Intbghatet email mill ġdid bil-lista tat toroq li applikajna għalihom.

**39.5.2** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li għall-ewwel darba kienet ser tittella' wirja bil-platti tas-smid, magħmula mill-parteċipanti li ħadu sehem fil-kors organizzat mill-istess Kunsill. Din il-wirja ser issir fl-ewwel karma, fil-livell 0, fejn qabel Kien Hemm it-*thrift shop*

**39.5.3** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li wara li l-Ġimgħa 27 ta' Marzu fin-12.30 ser issir il-quddiesa fis-sala għal jum id-duluri. Kulħadd huwa mistieden jattendi

**39.5.4** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li il-kunsill applika għal l-skema **Min Pjazza għal Pjazza**. Peress li il-kriterji kien jitolbu li jkunu marbuta ma xi ħaġa relatata mar-raħal. It tema li ntgħażlet kienet it trasposrt u ser inkunu qed norbtu l-istazzjon il ferrovija u l-evoluzzjoni ta trasport. Skema għandha valur ta €25,000.

**39.5.5** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li fil laqgħa preċedenti il każin banda Sant' Elena kien talab għajnuna finanzjarja . Saret laqgħa fejn dawn talbu li ngħinuhom fl-Ispiża ta flokkijiet li ħa jagħmlu għal ġemellaġġ, spiża li t'ammonta għall €490. Kien hemm qbil li dawn irid ikollhom logo tal-Kunsill . Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**39.5.6** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li nhar il Ħamis ix-Xirka ser tittelgħa għal darboħra il mixegħla fuq iz-zuntier. Kulħadd kien mistieden jattendi.

**39.5.7** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li għal darboħra il-kunsill ser ikun qed iqassam il-ħelu tal -għid wara il-quddies nhar il-Ħadd il-Għid.

**39.5.8** Is -Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-għaqda San Ġużepp ħaddiem talbet sabiex ngħatuhom għajnuna għal kiri ta sound u dawl waqt il Via Sagra ta madar €500. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**39.5.9** Is-Sindku informa lil dawk preżenti li waqt il-qadi ta' dmirijiethom, il-ħaddiema laqtu vettura li kienet ipparkjata viċin. Il-ħaddiema ammettew li seħħ dan l-inċident. Is-Sindku talbet sabiex is-sid tal-vettura jiġi rimborsat għall-ispejjeż relatati ta €300. Kien hemm qbil unanimu fost dawk preżenti.

**39.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**39.6.1** Is sindku qalet li irċeviet il mistoqsijiet mingħand is-sa Rosette Cassar 9 minuti qabel il-laqgħa. Hija qalet li ser tkun qed tindirizza id-domandi via email. Is sa Rosette qalet li xtaqet tgħamel korrezzjoni fil-minuti. Is-sindku wieġbet li l-minuti huma diġà approvati u ma jistgħux jiġu mibdula.

**39.6.2.** Is-sur Gilmour Borg qal li kienet intbagħtet email rigward wheelchair Basket Ball, huwa qal li l-kunsill għandu juri interess għax din hija attività li tqajjem kuxjenza u tkun kemm ta beneficċju u ta interess lejn kull min jattendi. Is-sindku qalet li ser inkunu qed nikkomunikaw lura.

**39.6.3** Is-Sa Marie Claire Zammit fakkret li nhar it-12 ta' April ser issir it-tieni parti tal-mixja bħala parti mill-aħħar taħdidiet tal-Patrimonju Karkariz. Kulħadd huwa mistieden jattendi. Hija talbet ukoll sabiex l-avveniment jiġi mxandar fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsill.

**39.6.4** Is-sa Rosette Cassar qalet li ġiet avviċinata min persuna li kella inċident fi triq Cezalpina. Hija ippreżentat Stqarrija hawn taħt imniżżla.
*9 ta' Marzu 2026*
*Nixtieq ninforma lill-Kunsill dwar inċident serju li seħħ u li jinvolvi residenta ta' Birkirkara.*
*Is-Sinjura Miriam Balzan waqgħet nhar is-17 ta' Frar 2026 għall-ħabta tas-6:00pm, hekk kif kienet għadha kemm ħarġet minn residenza fi Triq Grech Delicata, Row 1, kantuniera ma' Triq Cesalpina. Il-waqgħa seħħet minħabba wire tal-ħadid li kien imħalla fuq il-bankina, kif ukoll minħabba nuqqas ta' dawl adegwat fit-triq.*
*B'riżultat ta' dan l-inċident, is-Sinjura Balzan sofriet ġrieħi serji, fosthom ksur f'sebgħa minn ta' idha, diversi tbenġil, feriti u uġigħ qawwi. Fil-preżent, minħabba l-kundizzjoni tagħha, hija qed ikollha bżonn tuża wheelchair biex tkun tista' timxi.*
*Is-Sinjura Balzan infurmatni li sas-Sibt li għadda li l-wire li kkawża dan l-inċident għadu ma tneħħiex u għalhekk il-periklu għadu preżenti għall-pubbliku.*
*Għaldaqstant, qed nitlob lill-Kunsill sabiex jieħu l-passi meħtieġa b'urġenza biex dan il-periklu jitneħħa immedjatament u biex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur.*
Is-sindku staqsiet lis-segretarju eżekuttiv kienetx taf b'dan il-kas u hija irrispondiet li l-ħaddiema ma rrapurtawx dwar dan u kienet ser tkun qed tinvestiga eżett x'kien il kas. Is-segretarju talbet li Sa Rosette sabiex tghaddila ritratti u saħqet li residenta dejjem kella tgħamel rapport l-għassa.

**39.7 Rapporti**

Xejn

**39.8 Amministrazzjoni.**

**39.8.1** Is-Sindku qalet li l-kuntratt ta' Lawrence Chetcuti, ħaddiem tal-Kunsill, ser jiskadi wara li kien iġġedded sena ilu. Hija talbet sabiex il-kuntratt jerġa' jiġi mġedded, u rrimarkat li huwa ta' kontribut siewi għall-Kunsill u dejjem wettaq xogħlu b'mod eċċellenti. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**39.9 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**39.9.**1 Is-sindku Staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti dwar l-iskedi ta pagamenti. Ħadd ma ikkummenta u dawn ġew approvati.

**39.9.2** Is-sa Marie Claire approvat u is-sur Luke Vella ssekonda l-iskedi ta pagamenti bħala korretti.

**39.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**39.10.1** Il-Laqgħa ġiet fi tmiem fis 7.20 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data tal-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tnejn 13 t'April fis 6pm

Iffirmati

________________________

Christine Jo Mansueto